Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*6 ta' Jannar, 2012*

03/2012

**PATRI PROSPERO GRECH**

Grech twieled il-Birgu fl-1925. Huwa studja l-Liċeo u serva bħala *gunner* fil-*Home Guard* tal-Università fi żmien il-gwerra. Fl-1943 Grech ingħaqad mal-Ordni Agostinjan u seba' snin wara ġie ordnat saċerdot fis-San Giovanni Laterano f'Ruma.

Grech studja l-filosofija fil-Monasteru ta' San Mark, ir-Rabat Malta, u t-teoloġija fil-Kulleġġ ta' Santa Monika f'Ruma. Huwa kiseb Dottorat fit-Teoloġija mill-Università Gregorjana ta' Ruma (1953), Liċenzjat fl-Iskrittura Mqaddsa mill-Istitut Pontifiċju Bibliku ta' Ruma (1954) u Diploma fil-Psikoloġija Edukattiva minn Fribourg, l-Iżvizzera (1951). Grech irriċerka l-lingwi Semitiċi fl-Università ta' Oxford (1957-58) u f'dik ta' Cambridge (1958-59).

Fl-1959 Grech inħatar *lecturer* fil-Kulleġġ Agostinjan tat-Teoloġija, ir-Rabat. Huwa serva bħala segretarju fil-Vigarjat tal-Vatikan u professur fl-Istitut Agostinjan ta' Ruma. Fl-1970, flimkien ma' Rev. Agostino Trapè, Grech waqqaf l-*Istituto Patristico Augostinianum* f'Ruma u kien president bejn 1971-79. Huwa membru fis-*Societas Studiorum Novi Testamenti* (SNTS) u membru fil-Kummissjoni Pontifiċja Biblika.

Għal aktar minn 30 sena, Grech kien lettur dwar l-ermenewtika fl-Istitut Pontifikali Bibliku f'Ruma. Huwa kien ukoll professur tat-Teoloġija Biblika fl-Università Laterana ta' Ruma, kunsillier tas-Sagra Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi u segretarju tal-Provinċja Maltija tal-Agostinjani. Grech kien ukoll nominat bħala Viżitatur Appostoliku tas-seminarji fl-Indja.

Grech għandu bosta kitbiet u pubblikazzjonijiet u ta diversi *lectures* fuq il-Bibbja u l-interpretazzjoni tagħha, kif ukoll fuq l-istudji tal-ewwel kittieba Nsara. Huwa ukoll organizza jew ha sehem f'diversi kungressi lokali u internazzjonali fuq l-istess suġġetti. Grech għallem fl-*Accademia dei Lincei* f'Ruma u fil-*Consiglio Nazionale delle Ricerche* u kkollabora mal-*Enciclopedia Italiana Treccani.*

Fit-13 ta' Diċembru li għadda, Jum ir-Repubblika, Grech ġie onorat mill-President ta' Malta, Dr George Abela, bħala Kumpann tal-Ordni Nazzjonali tal-Meritu.